2024/1621

3.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1621

tal-31 ta' Mejju 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Awstralja u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li sabiex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji jew taż-żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u tal-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar żewġ tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fl-Istat ta' Victoria, li ġew ikkonfermati fit-22 ta' Mejju 2024 u fl-24 ta' Mejju 2024, rispettivament permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Bħalissa l-Awstralja hija elenkata fil-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom stabbiliti fil-Partijiet 1 tal-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-bajd għat-tifqis tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) Minħabba r-riskju tal-introduzzjoni tal-HPAI fl-Unjoni marbuta mad-dħul ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam mill-Awstralja, u fin-nuqqas ta' garanziji li jippermettu r-reġjonalizzazzjoni ta' dak il-pajjiż terz, jenħtieġ li d-dħul fl-Unjoni ta' dawn il-konsenji ma jibqax awtorizzat.

(8) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar sitt tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-Istati ta' Idaho (1) u Minnesota (5), li ġew ikkonfermati fl-20 ta' Mejju 2024 u fil-21 ta' Mejju 2024, rispettivament, permezz ta'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(9) Wara dawk it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti stabbiliet żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentat politika ta' qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

(10) L-Istati Uniti ressqu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI bħala segwitu għat-tifqigħat riċenti fl-Istati ta' Idaho u Minnesota.

(11) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat riċenti fl-Istati ta' Idaho u Minnesota, sabiex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fl-Awstralja u fl-Istati Uniti.

(13) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Awstralja u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, l-emendi li għandhom isiru tal-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għall-Awstralja hija sostitwita b'dan li ġej:

"**AU** L-Awstralja	AU-0	SPF				
		BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	P1		22.5.2024	
		BPR, DOR, HER	P1	C	22.5.202-4"	

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.650 sa US-2.655 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.649:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.650	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.5.2024	
	US-2.651		N, P1		21.5.2024	
	US-2.652		N, P1		21.5.2024	
	US-2.653		N, P1		21.5.2024	
	US-2.654		N, P1		21.5.2024	
	US-2.655		N, P1		21.5.202-4"	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.650 sa US-2.655 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.649:

"L-Istati Uniti	US-2.650	State of Idaho Jerome 03 Jerome County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 114.4867262°W 42.8454377°N)
	US-2.651	State of Minnesota Meeker 15 Meeker County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.5406544°W 45.2939678°N)
	US-2.652	State of Minnesota Stearns 17 Stearns County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.8949675°W 45.7556254°N)
	US-2.653	State of Minnesota Morrison 14 Morrison County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.1100046°W 45.9994689°N)
	US-2.654	State of Minnesota Stearns 18 Stearns County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.8938457°W 45.7624353°N)
	US-2.655	State of Minnesota Stearns 19 Stearns County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.9463141°W 45.5602391°N)"

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-Awstralja hija sostitwita b'dan li ġej:

"**AU** L-Awstralja	AU-0	POU	P1	B	22.5.2024	
		RAT	P1	C	22.5.2024"	

(b) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.650 sa US-2.655 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.649:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.650	POU, RAT	N, P1		20.5.2024	
		GBM	P1		20.5.2024	
	US-2.651	POU, RAT	N, P1		21.5.2024	
		GBM	P1		21.5.2024	
	US-2.652	POU, RAT	N, P1		21.5.2024	
		GBM	P1		21.5.2024	
	US-2.653	POU, RAT	N, P1		21.5.2024	
		GBM	P1		21.5.2024	
	US-2.654	POU, RAT	N, P1		21.5.2024	
		GBM	P1		21.5.2024	
	US-2.655	POU, RAT	N, P1		21.5.2024	
		GBM	P1		21.5.2024"	